MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 11/2004

**Vincent Gatt**

**vs**

**Joseph Conti u b'digriet tas-6 ta' Lulju tas-sena 2004 gie kjamat in kawza Carlo Conti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 ta' Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas dik is-somma li trid tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rappresentanti danni minnu subiti fil-fond tieghu. Dawn il-hsarat saru minhabba li x-xoghol ta' struttura tal-bini tal-fond proprjeta' tal-konvenut,

adjacenti ma' ta' l-attur, mhux maghmula skond is-sengha u l-arti, kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

2. Bl-ispejjez u l-imghax, u l-konvenut ingunt in subizzjoni;

3. Illi ai finijiet ta' kompetenza il-valur ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

1. Illi fl-ewwel lok il-konvenut mhux legittimu kontradittur stante li l-fond adjacenti ghal fond 9 Adelaide Cini Street, Santa Venera, ma huwiex proprjeta' ta' l-konvenut, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost il-gudizzju mhux integru peress li l-kawza ma gietx diretta wkoll kontra mart il-konvenut;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghal dak eccepit l-attur ghandu l-ewwel u qabel xejn jipprova li huwa proprjetarju tal-fond 9, Adelaide Cini Street, Santa Venera;

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespot kwalsiasi ameljoramenti li saru fil-fond adjacenti ghal fond 9, Adelaide Cini Street, Santa Venera, saru kollha skond is-sengha u l-arti, taht is-supervizjoni tal-Perit Arkitett Karl Borg u esegwiti minn nies professjonali;

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma kkawza ebda danni lill-attur;

6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-attur mhux biss huwa tenut jipprova materjalment li huwa soffra

danni, izda jrid jipprova wkoll in-nies bejn id-danni minnu allegatament sofferti u l-attur;

7. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

Rat id-digriet taghha datat is-6 ta’ Lulju tas-sena 2004 li permezz teighu laqghet it-talba kontenuta fir-rikors datat it-18 ta’ mejju tas-sena 2004 u konsegwentement ordnat il-kjamata in kawza ta’ Carlo Conti;

Rat it-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza datata s-16 ta’ Awissu tass-ena 2004 li permezz taghha dan eccepixxa s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu l-ewwel u qabel xejn jipprova li huwa proprjetarju tal-fond 9 Adelaide Cini Street, Santa Venera;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit kwalsiasi ameljoramenti li setghu saru fil-fond adjacenti ghal fond bin-numru 9, Adelaide Cini Street, Santa Venera, saru kollha skond is-sengha u l-arti, that is-supervizjoni tal-Perit Arkitett Karl Borg u esegwiti min niex professjonali u bl-ebda mod ma kienu xi sors ta’ danni versu l-attur;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccipjent kjamat in kawza ma kkawza ebda danni lill-attur;

4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-attur mhux biss huwa tenut jipprova materjalment li huwa soffra danni, izda jrid jipprova wkoll in-ness bejn id-anni minnu allegatament sofferti u xi azzjoni tal-eccipjenti;

5. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

Semghet il-provi prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur hu l-proprjetarju tal-fond residenzjali tieghu li jgib in-numru 5 sa 7, Triq Adelaide Cini, Santa Venera, (ara fol 78);

2. Illi meta fil-15 ta' Settembru tas-sena 2003 kienet ghamlet hafna xita dan il-fond proprjeta ta' l-attur kien gie allegat u konsegwentement sofra danni ingenti, kemm strutturali kif ukoll fl-ghamara;

3. Illi skond il-perit miqabbad mill-attur l-ilma de quo li dahal fil-fond ta' l-attur " … dahal minhabba x-xoghlijiet li kienu qed isiru. Meta wiehed ikun qed jahdem, is-sistemi jkunu ghadhom m'humiex kompluti u kollox ikun miftuh", (ara fol 38);

4. Illi effettivament ix-xoghlijiet li l-perit ta' l-attur jindika u accennati fil-paragrafu precedenti jirreferu ghal dawk ix-xoghlijiet strutturali li kienu qed isiru fil-fond adjacenti ghal dak ta' l-attur;

5. Illi mill-verifiki ta' l-istess perit ta' l-attur jirrizulta li s-sistema tad-drenagg ta' l-ilma tal-fond adjacenti ghal dak ta' l-attur kienet pero', tiffunzjona tajjeb;

6. Illi skond il-prospett tad-danni sofferti pprezentat mir-rapprezentant legali ta' l-attur, dawn id-danni huma ammontanti ghal elf, hames mija u hamsin Lira Maltin, (LM1,550.00,0), (ara fol 71);

7. Illi ghaldaqstant l-attur intavola l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi dkond il-konvenut u l-kjamat in kawza, il-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-fond adjacenti ghal dak ta’ l-attur, senjatament dak bin-numru 9, Triq Adelaide Cini, Santa Venera, huwa proprjeta’ ta’ Carlo Cini, kif anke jirrizulta fil-kuntratt ipprezentat fl-atti odjerni, (ara fol 12 et sequitur);

2. Illi effettivament, meta ghamlet ix-xita kbira in kwistjoni dan l-istess fond indikat fil-paragrafu precedenti kien qed jigi ristrutturat taht is-sorveljanza ta’ perit;

3. Illi fil-fatt f’dan il-fond indikat fil-paragrafu numu wiehed, (1), inbidel is-saqaf tat-tieni sular u fil-mument ta’ meta ghamlet ix-xita l-kbira, kien qed jinbena t-tielet sular, (ara fol 59), fejn is-saqaf tieghu kien ghadu ma inghatax;

4. Illi rigward il-hsarat strutturali sofferti mill-attur, dan l-istess perit tal-kjamat in kawza u l-bennej involut ma jaqblux mal-verzjoni ta’ l-attur li dawn kienu ingenti, anzi jindikaw li kienu pjuttost irrizorji, (ara fol 60 u 65);

5. Illi skond il-bennejja li kienu responsabbli mix-xoghol ta’ kostruzzjoni li kien qed isir fil-fond numru 9 fuq indikat, “ … meta konna nahdmu u qabel ma nitilqu … naraw illi ma nhallux hmieg, dejjem naddafna”, (ara fol 62), u iehor isostni li “ … Hu beda jallega li ahna konna hallejna xi materjal li waqa’ ghandu bix-xita pero jiena ghidtlu li ahna l-materjal kollu konna nehhejnieh. Konna fil-fatt dhalna ghandu u nehhejnihulu minghandu … konna naddafnielu l-bitha, “ (ara fol 65);

6. Illi rigward it-toqba bejn l-appogg li kienet tippermetti li l-ilma fil-bitha jiskula bla hsara, l-istess bennej isostni li “ … jiena rajtha miftuha, minn dejjem miftuha kienet. Nikkonferma li meta mort nara l-hsarat it-toqba bejn l-appogg kienet miftuha”, (ara fol 65);

7. Illi ghaldaqstant il-kjamat in kawza, proprjetarju tal-fond adjacenti u sovrastanti ghal dak ta’ l-

attur, jirribatti li mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti tiddisponi preliminarjament mill-posizzjoni tal-konvenut stante:

1. Illi hu mhux proprjetarju tal-fond numru 9, Triq Adelaide Cini, Santa Venera;

2. Illi dan jirrizulta mill-kuntratt li jidher a fol 12 li jindika espressament li l-fond de quo hu proprjeta’ ta’ Carlo Conti u Ruth nee Grech;

3. Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut Joseph Conti m’ghandu l-ebda responsabbilita’ fir-rigward ta’ l-akkadut;

4. Ghaldaqstant, din il-qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Conti, tirrespingi t-talbiet attrici dedotti fil-konfront ta’ l-istess konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez relattivi kontra l-attur;

Illi in vista tal-premess, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-kjamat in kawza jinghad is-segwenti:

1. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni minnu sollevata, din hi respinta stante li jirrizulta assodat li l-attur huwa proprjetarju tal-fond in diazamina li sofra l-allegati danni kif jidher mill-kontratt a fol 78;

2. Illi t-tielet eccezzjoni sussegwenti sollevata mill-kjamat in kawza tirrigwarda il-meritu tal-procedura;

3. Illi f’dan il-kuntest jinghad sintetikament is-segwenti:

a. Illi hu minnu li l-fond proprjeta' tal-kjamat in kawza kien qed jgii ristrutturat;

b. Illi l-fond tal-istess kjamat in kawza u dawk ta' l-attur jirrizultaw li huma f'xulxin;

c. Illi pero din il-qorti hi sodisfatta li x-xoghlijiet strutturali li kienu qed isiru ghand l-kjamat in kawza kienu qed isiru taht sorveljanza professjonali u li l-haddiema involuti jidher li keinu diligenti bizzejjed biex jahdmu b'mod li jimminimizzaw kull inkonvenjent kemm ghall-kjamat in kawza li kien qed ihaddimhom kif ukoll ghall-attur li kellu l-proprjeta' tieghu taht dik li fiha huma kienu qed jahdmu;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni sollevata mill-kjamat in kawza, bl-ispejjez relattivi kontra l-attur.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------